# Gorġjon

Għadd 28 - 1986



# PETROLEA LTD.

Tel: 625971

26, Merchants' Street,
Valletta - Malta





# *PACE & MERCIECA*

***Timber & Building Material***

***IMPORTERS***

*Javża li għandu għall-Bejgħ*

**Antarjoli għal fuq il-Bjut u għall-Festi**

***20, 24, Zerafa Street, Marsa, Malta.***

***Tel: 8606897, 8225360***

# IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

GWANNI L-BATTISTA -IL-BESTMAN' TA'GESU'.

Nghidilkom is sewwa qatt ma ghaddieli minn rasi li San Gwann hu'Bestman'ta'Gesu. Pero qbadt il-Vangelu ta'San Gwann kap 3 versi 29 u sibt li San Gwann isejjah liliu innifsu'il-Habib tal-Gharus'.Imbaghad sibt li Fulton Sheen fil-ktieb 'Life of Christ'u Daniel Rops fil-ktieb"Jesus in his time' isejhu lil Gwanni bl-isem ta' BESTMAN.

META QALU DAL KLIEM?
Gwanni l-Battista kien qed jipprieka naha, u Gesu hareg jippriedka naha ohra.U gara li xi dixxipli ta'Gwanni tlewmu ma wiehed Lhudi u gew ghand Gwanni jghidulu li kien hemm ragel iehor (Ghal Kristu) li kien qed jghammed.'U kullhadd sejjer ghandu'.
X'tahsbu? Tahsbu li Gwanni inkedd ghax in-nies kienet qed thalli lilu u tmur wara Gesu'? Tahsbu li ha ghalih? Le. Ara x'wiegeb Gwanni.'DAK LI GHANDU L-GHARUSA HUWA L-GHARUS.IMMA L-HABIB TAL-GHARUS JIFRAH HAFNA META JISMA LEHEN L-GHARUS...JEHTIEG JIKBER U JIEN NICKIEN'.(Vangelu. San Gwann versi 25-30).

X'RIED IFISSER B'DAL KLIEM?
Gwanni ried jghidilhom. Jien minhix l-Gharus. Minhix il-Messija. L-Gharus hu Kristu.Hu ghandu dritt jiehu lill-Israel bhala gharusa tieghu. Jien minhix hlief il-Habib tal-Gharus.(Jew kif f' zmiena nghidu 'Il-Bestman')

IX-XOGHOL TAL-BESTMAN U TA'GWANNI.

IL-BESTMAN

1.Il-Bestman jaghmel it-thejjijiet ghat-tieg (specjalment fl-usanzi tal-Lhud il-habib tal-gharus kellu bicca xoghol kbira).
2.IL-Bestman jifrah bil-wasla tal-gharus.Il-hidma tieghu tilhaq il-qofol taghha bil- presenza tal-gharus.
3.pero'malli jitfacca l-Gharus, il-Bestman iwarrab. Mal-wasla tal-gharus,il-Bestman ma jibqax importanti,izda iwarrab fil-genb.
4.Il-Bestman ma jehux l-gharus imma icedi 'postu ghall-gharus.

GAWNNI

1.Gwanni kellu jhejji lill-Gharusa (lill-poplu ta' Israel) ghall-wasla tal-Gharus Divin.
2.L-istess, Gwanni jifrah bil-wasla tal-Gharus Divin, Kristu. U ihoss ferh kbir ghax il-Messija l-mistenni tfacca.
3.L-istess Gwanni, malli jitfacca Kristu,Gwanni jirtira u jaghmillu l-wisa. Malli fegget ix-xemx(Kristu) Gwanni jekklissa ruhu(jinheba).
4.L-istess Gwanni. Ma jghidx lin-nies"Ejjew warajja'.Ghall-kuntarju jghidilhom'Ekku l-Haruf t'Alla'..biex imorru warajH (Krist).

TAGHLIMA.

Tassew ezempju ta'umilta. Virtu li jien u int ghandna bzonnha hafna. Min irid jaqra aktar fuq das-suggett hareg ktieb gdid 'l'Amico dello sposo'ta Renzo Infante. Sabih hafna.
IL-FESTA T-TAJBA.
habibkhomf'Gesu......Arcipriet Carmel Mercieca.



NIFIRHU LIS-SEMINARISTA MICHAEL XUEREB LI FIT-28 TA'GUNJU SER JIEHU L-MINISTERU TAD-DJAKONAT.

**BORD EDITORJALI 1986**

Typing u set-up - Fr. Joe Camilleri

Editur:Carmel Attard
Ass.Editur:Dun Guzepp Camilleri
Advertising Manager:Guzeppi Xuereb

Membri:Arcipriet C.Mercieca
Charles Zammit
Paul Azzopardi

TASKA AUTO LTD

Auto Sales
&
Parts




*'Gardenia' Republic Street,*
*Victoria - Gozo*
*Tel. 553288*



BDIEWA, GARDINARA, DILETTANTI

**Ghar-raba jew ghall-gnien tieghek jinhtieghek iz-zerriegha. Ghaldaqstant kun ghaqli w ixtri z-zerriegha tieghek minghand neguzjanti li tista' tafda fihom.**

Mela, aqdi l-bzonnijiet tieghek
*Minghand*

MALSEDS LTD.
VILLA CHELSEA
**16, Old Church Street, Birkirkara.**

TEL:42335

**Issibilhom ukoll ghodda tal-gonna,medicini kontra l-bebbux, imqassijiet, srieraq u mwies taz-zabra. Insetticidi, u medicini ghall-mard ta' l-ucuh tar-raba'. Issibu wkoll mistura biex teqred il-haxix hazin minghajr ma taghmel hsara l-hamrija, u tista' tintuza qalb is-sigar tal-frott.**

Hin tax-xoghol:
8.00 a.m. sa 12.00 a.m.
1.30 a.m. sal 5.00 p.m.

# IX-XEWKIJA



*minn Alexander Bonnici O.F.M.Conv.*
*H.E.D., S.Th.L., Ph.B.*

## NEMO ME IMPUNE LACESSIT

# L-GĦAQDA TAT-TRINITÀ QADDISA U TA' L-ERWIEĦ TAL-PURGATORJU, FIX-XEWKIJA TAL-BIDU TAS-SEKLU XVIII

## Fi Żmien il-Kappillani Habela u Aquilina

Ix-Xewkija sa mill-bidunett, malli saret parroċċa u nbniet knisja ġdida, bdiet għaddejja dejjem għall-aħjar. Il-ftit tagħrif li se nwassal hu marbut maż-żmien ta' żewġ kappillani: **Dun Dumink Habela** (1694-1734) u **Dun Pietru Aquilina** (1735-1774). Hu tagħrif marbut ma' opra spiritwali u soċjali tax-Xewkija ta' dak iż-żmien. Kienu żmenijiet koroh għal Malta u Għawdex: żmenijiet meta furbani kemm-il darba qabżu fuq djarna jew attakkaw xi xini tagħna, u bosta minn missirijietna sfaw imkaxkrin fil-jasar għal għomorhom. L-opra li se nikteb fuqha għandha rabta ma' dan u wkoll mas-suffraġji li missirijietna qatt ma naqsu li jagħmlu għal dawk li kienu jidħlu fl-eternità.

Sejjer nibni fuq żewġ dokumenti oriġinali: wieħed hu l-viżta pastorali ta' l-isqof Mons. Alpheran de Bussan fix-Xewkija fis-sena 1744[1] . L-ieħor hu ġabra ta' kontijiet tas-snin 1749-1751[2].

**Għaqda tas-Sena 1714**

Għalkemm De Soldanis isejjaħlu artal ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju,[3] dak li kien hemm fuq il-lemin tal-maġġur kien artal iddedikat lit-**Trinità Qaddisa.** Il-pittura kbira tiegħu kienet turi, fin-naħa ta' fuq, il-misteru tat-Trinità. Lejn iċ-ċentru, kienu jidhru l-Verġni Marija u San Girgor Papa. Fuq in-naħa ta' isfel, kien hemm l-erwieħ fin-nar tal-purgatorju.[4]

Ma' dan l-artal, fi żmien il-kappillan Habela, twaqqfet sodalità ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Imma din kellha rabta kbira mal-misteru tat-Trinità. Dan hu konfermat mill-fatt li ġiet imwaqqfa b'dokument tat-23 ta' Frar, 1714, li ħareġ bis-setgħa ta' Patri Vinċenz Cappella, Prijur Ġenerali ta' l-Ordni tat-Trinitarji. Id-dokument ħareġ minn Via Felicia f'Ruma, fejn it-Trinitarji kellhom il-knisja ta' Santa Franġiska Rumana.[5] Ta' min ifakkar li l-Ordni tat-Trinitarji kien dak li jitħabat b'kull mezz biex jinħelsu l-ilsiera minn idejn misilmin u lhud. Għalhekk, għaqda marbuta ma' dan l-Ordni bilfors li kien ikollha din il-ħidma fost l-opri tagħha. Imma, mhux fl-għaqdiet kollha tat-trinità Qaddisa, li kellna f'Malta u Għawdex, kien jidher tajjeb x'kienu qed jagħmlu għall-ilsiera nsara.

Fil-25 ta' Settembru, 1736, l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan ta' l-approvazzjoni meħtieġa tiegħu għal dik il-għaqda. Kienet għaqda li daħlui fiha kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa. Għalhekk, kienet differenti mill-fratellanzi, li kienu jkunu għall-irġiel.[6]

**Il-Viżta tas-sena 1744**

Il-viżta ta' Alpheran de Bussan saret fil-21 ta' Settembru, 1744[7]. F'dak iż-żmien, ix-Xewkija kien hemm ħames qassisin: il-kappillan Dun Pietru Aquilina, Dun Anton Muscat, Dun Publju Vella, Dun Mikiel Gilestri, u Dun Mikiel Caruana.[8] Kien żmien meta l-festa titulari diġa' kienet ċelebrata b'solennità kbira. Iż-żewġ għosrien u l-quddiesa tal-festa kienu jitkantaw. San Ġwann Battista kien dejjem ċelebrat fl-24 ta' Ġunju.[9]

Minbarra dak li hu marbut mal-maġġur, jidher li l-akbar importanza kienet fl-artal tat-Trinità Qaddisa. Il-viżta fiha deskirzzjoni twila ta' l-artal u

ta' l-opri marbutin miegħu. F'artali oħrajn, id-dawl ta' xi lampier ġie li k ien jixgħel mid-devozzjoni tal-poplu biss. Imma dan kellu numru ta' legati marbutin miegħu. Għalhekk, kienu jixegħluh b'dak li jidħol mir-renti tiegħu. L-artal kellu mdendel quddiemu lampier ta' ram safrani; fil-ġranet l-iżjed importanti kienu jixegħluh biż-żejt.[10]



**Festa mfittxa mill-Għawdxin**

Ma jidhirx li kien hemm xi purċissjoni marbuta ma' l-artal. Imma ma kenitx festa għax-Xewkija biss. Il-festa kienet tiġi ċelebrata fis-solennità liturġika tat-Trinità Qaddisa, bil-kant ta' l-ewwel għasar u tal-quddiesa. Fil-viżta, insibu mniżżel li, għaċ-ċelebrazzjoni ta' dik il-festa, b'sens ta' devozzjoni, kien imorru ħafna nies minn Għawdex kollu kemm hu. Il-prokuratur kien qed joħroġ għall-festa ħames skudi. B'dawn, kienet tingħata offerta lil min jagħmel il-priedka, u jitħallas l-ikel ta' dawk il-qassisin u ministri oħrajn li jissejħu biex iservu, u tal-konfessuri wkoll. Dak in-nhar, il-qassisin tax-Xewkija ma kenux ikunu biżżejjed; għalhekk, kien ikollhom isejħu minn postijiet oħrajn. Lill-isqof, fil-viżta pastorali tal-25 ta' Settembru, 1736, talbuh il-fakoltà li jkunu jistgħu jinqdew b'ta parroċċi oħrajn ukoll.[11]

**Devozzjoni ta' matul is-sena**

Minbarra r-renti li kienu jidħlu milli kien ikun tħalla minn min xtaq xi suffraġju, il-membri tal-għaqda tat-Trinità kienu jagħtu offerta ċkejkna kull sena. L-għaqda ma damitx ma bdiet tissejjaħ **Ta' l-Erwieħ.** Kellha l-prokuratur tagħha, li kien Ġużeppi Attard. Imma dan, waqt il-viżt a ta' l-isqof tas-sena 1744, iddikjara li ma kienx se jibqa' prokuratur. L-isqof ħatar minfloku lil **Dun Publju Vella**[12]

Mons. Dun Adrijan Ġurgion ħalla kapital biex, minn dak li jidħol, jitħallsu l-ispejjeż li jsiru fl-espożizzjoni tas-Sagrament f'dan l-artal ta' l-erwieġ, kull l-ewwel Tnejn tax-xahar. F'dik il-viżta, Mons. Gurgion kien wieħed mill-Konviżitaturi li kienu ma' l-Isqof.[13]

Nhar l-Għid ta' l-Imwiet, kienet issir quddiesa f'dak l-artal, u jitkanta l-Uffiċċju tal-Mejtin. Quddiesa kienet titkanta wkoll fl-ottava kollha ta' l-Għid ta' l-Imwiet. Kuljum, imbagħad, filgħaxija, kienu jitkantaw tliet salmi mill-matutin (jew uffiċċju tal-qari) u l-Lawdi. L-ispejjeż ta' dawn kollha kienu joħorġu minn dak li jingħata mid-devozzjoni tal-poplu.[14]

**Dettalji Oħrajn**

Il-kontijiet li jeżistu jagħtuna ftit dawl ieħor. Dawn li għandna f'idejn huma ta' xi snin wara l-viżta msemmija. Il-prokuratur koien għadu dak li kien inħatar mill-isqof fis-sena 1744. Kien Dun Publju Vella. Il-festa, fil-fatt, minn ħames skudi, ġiet tiswa 10 skudi fis-snin 1750 u 1751.[15] Matul is-sena 1750 kollha kien hemm li intefqu b'ħames skudi xemgħa għall-quddies ta' fuq dak l-artal. Fuq l-artal, minbħabba d-devozzjonijiet li kien hemm marbutin miegħu, kienu qed isiru ħafna funzjonijiet. Sitt xemgħat kbar, ta' xemgħa bajda, ġew jiswew 5 skudi, 9 rbajja', u 12-il ħabba.[16]

Il-prokuratur ta' l-artal kien fid-dmir li, mid-dħul kollu, jagħti kontribut ta' 10 skudi fid-sena għall-ispejjeż ġenerali tal-knisja parrokkjali. Dan kien ġie stabbilit b'digriet ta' l-Isqof Alpheran de Bussan tad-29 ta' Settembru, 1744[17].

Dun Publju Vella, bħala prokuratur, ma sata' jagħmel l-ebda spiża, jekk mhux bil-permess tal-kappillan. F'dan iż-żmien, il-kappillan Dun Pietru Aquilina ddikjara li l-prokuratur kien qed imexxi skond kif jitolbu minnu d-dmirijiet tiegħu.[18]

Ngħid l-aħħar kelma: dan l-artal l-iżjed importanti wara l-maġġur baqa' magħruf għad-devozzjoni li qajjem lejn l-erwieħ tal-purgatorju. Imma, anke fl-aqwa żmien ta' din id-devozzjoni, il-festa liturġika tiegħu baqgħet dik tat-Trinità Qaddisa.[19]

**NOTI**

1 A(rchiepiscopal) A(rchives) **M(alta), V(isitationes) P(astorales)**, 34, ff. 259v-255v.
2 AAM, **Conti**, 33 (1744-1751), n. 8, Altari Anime Xeuchia (1749-1751).
3 De Soldanis, **Għawdex bil-Ġrajja tiegħu**, v.II, p.55.
4 AAM, **VP**, 34,f.261v.
5 **Ibid.**
6 **Ibid.**
7 **Ibid.**, f. 257 v.
8 **Ibid.**, f.266r.
9 **Ibid.**, f. 261r.
10 **Ibid.**, f. 261v.
11 **Ibid.**, ff.261v-262r.
12 **Ibid.**, f. 262r.
13 **Ibid.**
14 **Ibid.**
15 AAM, **Conti**, 33, n.8, f.17.
16 **Ibid.**, f. 18.
17 **Ibid.**
18 **Ibid.**
19 **Ibid.**, f.17.

# OPRI
# Ġodda fir-Rotunda

Bhala parti mill-festa tar-rahal, din is-sena ser jizzanznu tliet opri godda: l-Ambone, li min fuqha tinqara l-Kelma t'Alla u zewg monnumenti, dak tal-Arcipriet il-mejjet Guzeppi Grech u tal-Perit issur Guze D'Amato.

Bla dubju ta'xejn, parti minn dak li illum qed ingawdu fil-knisja kienet il-hidma bla mistrieh ta dawn it-tnejn minn nies

Il-KONFESSJONARI---ghadhom kif tlestew il-konfessjonari tal-injam, mibnijin taht iz-zewg prospettivi tan-nofs, fuq desinn ta'Guze Galea.




L-Ambone l-Ġdida



L-Arċipriet il-mejjet Dun Ġużepp Grech



Ġuże D'Amato P.E.P.

### *Kummenti ta' xi turisti li ġew iżuru l-Knisja tagħna*

*"Clever Architecture"*
*"Quasi come S. Pietro"*
*"The Best I have ever seen"*
*"Perchè non fate i canpanari"?*
*"Meta ser titkompla l-Knisja"*
*"Magnifique"*
*"A credit to Religion"*
*"God's House"*

***Fost dawn it-turisti ġew:***

*Card. Luigi Dadaglio,*

*Card. Biaggio: "È Mezzo giorno. Penso a quanto sarà bello il campanile finito."*
*- Qed idoqq nofs inhar, qed naħseb kemm ikunu sbieħ meta jitlestew il-kampnari -*

*Card. Palazzini: "San Giovanni benedica questa parrocchia"*
*- Mulej bierek din il-parroċċa -*

*Archbishop Luigi Celata, Nuncio Appostoliku għal Malta.*

*Mons Canalini, Charge d'Affaires.*

# GELLUXA LTD.

GOZO - MALTA

Tel: 556065 / 551555

*Agents Stockists & Distributors of all kinds of Foodstuffs and Animal Fodder*

**Announce the opening of their new Ware Stores and Office incorporating at**

N.B. ST. ANTHONY STREET,
MGARR - GOZO

# FIDA

## *Għalf Bilanċjat Għall-Annimali*

*Tel: 621694*



# SAN ĠWANN BATTISTA
# Mudell ta' Talb u ta' Penitenza

*minn Patri Serafin Borg, o.s.a.*

**Mudell ta' talb**
San Ġwann Battista kien il-veru bniedem t'Alla. Il-Mulej żejnu bi spirtu ta' talb. U Ġwanni miġbur fis-siekta u fil-ġabra fid-deżert, ingħata b'ruħu u ġismu għat-talb sa dak il-jum qaddis u nobbli li fih kellu jwettaq il-missjoni għażiża tiegħu fost il-poplu ta' Israel. Permezz tat-talb, il-Battista qaddes lilu nnifsu u fl-istess waqt taħ l-għajnuna smewwija fit-twettiq tal-ħidma tiegħu bħala l-Mibgħut t'Alla, biex iħejji w jressaq l-erwieħ għall-miġja tal-Feddej.

**Mudell ta' penitenza**
San Ġwann Battista kien bniedem ta' penitenza. Kien fqir u meqjus fl-ilbies u fl-ikel tiegħu. **"Tassew Ġwanni la jiekol u lanqas jixrob"** (S. Mattew K. 2 v 18). Il-penitenza ħarxa w iebsa li għamel f'ħajtu għamlitu kbir, maħbub u għażiż f'ħajtu u aktar wara mewtu quddiem il-Mulej u l-bnedmin.

Dawn iż-żewġ virtujiet, it-talb u l-penitenza, Ġwanni l-Battista saħħar il-poplu għal warajh. Il-poplu kien jissaħħar u jinġibed għall-priedki sbieħ u mirquma tiegħu. Kienu l-imsemmija virtujiet, li bihom u permezz tagħhom ħejja sewwa t-triq lill-Mulej u ressaq il-poplu Lejh. Mingħajr it-talb u l-penitenza. Ġwanni l-Battista, ma setax iwettaq il-ħidma qaddisa tiegħu, bħala **l-Mibgħut minn Alla l-Imbierek.**

Ilkoll kemm aħna nħobbu 'l San Ġwann Battista. Nafuha l-ħajja qaddisa ta' dan ilk-Prekursur ta' Kristu. Dak li l-aktar igħodd għalina, li nitgħallmu minnu l-virtujiet sbieħ tiegħu, l-aktar it-talb u l-penitenza, Għax, **kif qalilna Kristu stess, mingħajrhom ma nistgħux nidħlu ngawdu s-sbuħija u l-glorja tas-Sema.**

Kull sena, aħna nfakkru u nagħmlu festi sbieħ u ħelwin f'ġieħ San Ġwann Battista. L-akbar qaddis fost il-qaddisin kollha. Nieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi li jsiru. U kulħadd jifraħ. Kbar u żgħar. Bir-raġun kollu, għax, il-poplu tar-raħal tagħna, hu mkabbar, mhux biss, bil-ġmiel u s-sbuħija artistika ta' l-istatwa, iżda, għax, fih tinsab dik l-imħabba, il-ħeġġa u d-devozzjoni sinċiera ġo qalbu lejn Battista.

Kellu raġun, meta s-surmast Ġużeppi Vella, kiteb dawk il-vrus fuq il-Battista:

**X'għażla ħelwa, kbira, iržina,**
**Patrun għandna lil S. Ġwann,**
**X'Teżor, x'ġawhra fik Ġovanni!**
**Isem oħla m'hemmx minn dan!**

**Jekk sabiħ hu l-isem tiegħek;**
**Hekk statwatek hija wkoll,**
**Din minn zokk ta' tuta nħadmet,**
**T'Azzopardi l-isbaħ xogħol.**



Inkunu devoti tiegħu. Nixbħu lilu. U Ġwanni jibqa' jsaltan ġo fina. U hekk hu jgħinna, imexxina u jdaħħalna fis-Saltna t'Alla. Saltna ta' ġmiel, hena u sliem.

Intennu b'talba ħerqana dawk il-versi li ħarġu mill-pinna tal-kittieb Anton Haber, kompajżan tagħna:

**O Maħbub Prekursur ibqa' saltan**
**Ġo dat-tempju ta' kobor u ġmiel**
**Lilna wlied Xewkin ilkoll wassal**
**F'dik is-Saltna li qatt ma tidbiel!**

Fl-ħħarnett ilkoll għalenija nfaħħru minn qiegħ qalbna l-Kbir Ġwanni Battista, patrun tar-raħal tagħna, flimkien mas-surmast Ġużeppi Xuereb, kompajżan ieħor tagħna u ngħidulu:

**Sliem għalik, O Kbir Ġiovanni,**
**L-ewwel gost il-Qaddisin:**
**Kbir f'twelidek, f'ħajtek, f'mewtek,**
**Bik Imkabbra x-Xewkin.**

## Irċivew il-Griżma ta' l-Isqof nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 1986





Ivan Xerri --- John Xuereb--- Aldo Zammit
-Vince Xuereb Joseph Hili
Michael Hili -- Mario Portelli
Silvio Tabone--- Claudio Vella ----
-Azzopardi John ---- Josph Xerri
-Paul Vella
--Azzopardi Martin---Doris Xuereb
Mary Bonnici----Sandra Vella.----MaryAnn Rapa
Mary Anne Magro----Jennifer Camilleri---
Joanne Attard-Charlene Hili----- Josanne Vella --Charlton Xerri---
--Joseph Grech -- --Carol Haber-----Sonia Jane Scerri --
Kathlene Farrugia-----Victor Buttigieg-- Monica Vella
Attard Sammy----Silvana Hili
--Mary Xuereb ---
--Julie N.Vaak ---
-Janice Buttigieg--Sandra Cauchi--
-Mariella Grech-Fiona Haber---Lisa Haber-----
--Luallan Cardona--
--Gracie M.Vaak--Jacqueline Dingli-
--Joseph Grech---Joseph Haber-
-Carmen Attard--
--MaryRose Azzopardi--

# GHIRIEN FIX-XEWKIJA

*minn Joseph Xuereb*

Ix-Xewkija hija wahda mill-postijiet l-iktar qodma ta' Ghawdex mimlija tifkiriet tal-imghoddi.

It-tradizzjoni tghid illi fix-Xewkija abitaw l-ewwel nies fil-Gzira tat-Tliet Gholjiet. Ghadhom jidhru sallum gherien misterjuzi mhaffrin min-natura fil-blat li jigu fuq ir-rih ta' Wied Hanzira u Mgarr-Ix-Xini.

Ghar-Ix-Xini huwa ghar mill-iktar interessanti li hawn fil-gzejjer Maltin. Tant huwa fond li wiehed kwazi jintilef go fih.Dan darba kien il-Qorti tax-Xih, jigifieri tal-kap ta' dak id-distrett, li kien jaghmel haqq minn dawk kollha li kien ikollhom l-ardir jiksru l-ligi. Ghada tidher sal-lum il-gebla mdaqqsa gmielha li fuqha kien joqghod ix-Xih dak il-hin meta kien ikun jaqta' s-sentenza.

F'dawk l-inhawi jinsab ukoll ghar iehor misterjuz imsejjah 'Il-Habs', li huwa wkoll fond gmielu u li jnissel kurzita' kbira f'dawk kollha li jzuruh.

Dejjem skond it-Tradizzjoni li baqghet hajja fost il-poplu, dan il-ghar kien iservi ta' habs f'dawk l-istess zminijiet bikrija li fihom ix-Xih kien jaqta' s-sentenza gewwa l-Qorti tieghu. Dawk li kienu naqsu li josservaw il-ligi kienu dritt jittiehdu ghal kastig taghhom billi jinzammu maghluqin hemm gew. Dan il-ghar ghadu jissejjah sallum 'Il-Habs'.

Barra 'Ghar-Ix-Xih' u 'Il-Habs' hemm ghar iehor xejn inqas interessanti minn dawn it-tnejn.Dan jismu 'Ghar Halliel'. F'dan il-ghar kienu jitqieghdu dawk dawk kollha li kienu jinqabdu jisirqu xi haga minn xi propjeta' pubblika jew privata.

Dawn it-tlitt eghrien flimkien ma' qdumijiet ohra jaghmlu mix-Xewkija post mill-iktar interessanti ghall-istudjusi tal-pre-istorja u tal-Istorja. Ghaliex inti u miexi gewwa fihom, thoss illi l-ambjent, fih innifsu jissuggerilek zminijiet ta' ivilta' bikrija hafna,zminijiet li ghadhom imkebba gewwa l-istar tal-misterju.



## IR-ROTUNDA TAX-XEWKIJA
### *xi dettalji li tajjeb tkun taf*

*minn Wenzu Camilleri*

Ir-Rotunda tax-Xewkija hija mibnija fuq stil Barokk u ghandha forma ottagonali. Din il-knisja li giet iddisinjata mill-Perit Guze' D'Amato ghandha zewgt ignub, erba' arzelel, kor u portiku kbir. Il-knisja bdiet tinbena fid-19 ta' Novembru ta' l-1951 mill-bennej Guzepp Cauchi. Wara ftit taz-zmien ha x-xoghol f'idejh l-bennej Toni Vella u wara, l-Imghallem Guzepp Vella kompla l-knisja sa'l-ahhar qabel tal-koppla.

Din il-knisja ghandha koppla kbira li qeghda zzomm fuq tmien kolonni flimkien ma' sittax-il pilastru (nofs kolonna). Dawn il-kolonni huma tal-ferro concrete miksija bil-gebla lokali. Dawn gew mibnija u mahduma bit-torn minn Toni Vella mghejjun minn Gorg Tabone. Huma gholjin 14-il metru u fuq kull kolonna hemm kapitell tal-gebel li nhadem mill-iskultur Malti mill-Hamrun,Mro Carmelo Micallef. Fuq dawn il-kolonni u preciz taht it-tanbur tal-koppla nbena cirku tal-concrete. Dan ic-cirku kbir ha mat-1300 xkora cement barra hadid u materjal iehor. Dam jinhadem minn hafna haddiema, madwar 250 ruh mill-hamsa ta' fil-ghodu sas-sebgha ta' filghaxija bla waqfien. Fuq dan ic-cirku li huwa ta' 85 metru dijametru, tqieghed gwarnicun wiesgha hafna u fuq dan hemm it-tanbur tal-koppla li fiha sittax-il tieqa, 6 metri gholjin u 3 metri wiesa'.

Bejn it-twieqi hemm il-kolonni bil-kapitell fuqhom. Fuq it-twieqi u fuq il-kolonni hemm gwarnicun iehor,ftit iktar dejjaq minn ta' tahtu u fuq kollox hemm l-iskutella tal-koppla. Fuq din hemm lanlerna li wkoll fiha sittax-il tieqa u sittax-il kolonna bil-kapitelli. Fuq kollox hemm il-bicca ta' taht is-Salib tal-koppla. Dan is-Salib huwa ta' njam iebes u nhadem minn Salvu Tabone. It-twieqi tal-koppla kif ukoll it-twieqi li hemm fil-Knisja huma tal-ferro concrete u mahdumin b'sengha kbira minn Dijonisju Tabone.Il-hgieg huwa tal-kwart u kien ingab direttament mill-Germanja mill-mejjet Arcipriet Dun Guzepp Grech. L-iskultura kollha li hemm fil-koppla, fil-lanterna u fil-kolonni tal-gnub huma xoghol l-iskultur Xewki Mro. Toni Camilleri.

Kull meta kont imsiefer,dejjem xtaqt inkun infurmat b'dak li jkun qed jigri fi hdan il-familja tieghi.Allahares li ma kontx nircievi ittra darba f' gimgha ghax kont nibda ninkwieta u nithasseb mhux bi ftit......halli li xi kulltant ma kontx nikteb jien.




Kull ittra li wiehed jibghat jilhaq zewg affarijiet; isservi ta'informazzjoni u tghaqqadna flimkien bhala familja. Ghalina il-Maltin u l-Ghawdxin, dejjem hadet u ghadha tiehu l-ewwel post fill-qalb taghna.Fill-fatt x'hemm isbah min familja li tinhabb?. F'April li ghadda kelli x-xorti li nzur l-Awstralja.Iltqajt ma hafna nies li kont ilni ma nara s-snin twal. Kwazi kull persuna li rajt ghamlitli l-istess domanda: KIF AHNA SEJRIN IX-XEWKIJA? Rajt ghalhekk li tkun haga sabieha li niddedikaw din il-pagna specjali li tista 'sservi kemm ta'informazzjoni u anki tghaqqadna flimkien.Biex inkun iktar ezatt hadt f'idejja l-Bullettin li nohorgu darba f'gimgha u ktibt dak li rajt li huwa importanti.

HBIEBNA F'LAZZARETT:

Bdejna s-sena 1986 b'attivita sabieha.Ftit wara nofs inhar,morna 'nzuru lill-hbiebna f'Lazzarett.Ma morniex b'idejna vojta, ghax maghna hadna kull xorta ta'helu, figolli,qassatat, drinks u anki sigaretti.Izda l-iktar haga ghaziza li hadna maghna u kienitx tidher f'idejna izda f'qalbna, kienet it-tislima tal-paci li fil-bidu ta'sena gdida ghaddejna lill-xulxin.

## LIL HUTNA



LURA MILL-AWSTRALJA:

F'April li ghadda, ghamilt xahar fl-Aws
bor u s-sbuhija tal-pajjiz. Izda wisq ik

Biex tifmu ahjar dak li nixtieq nesprim
minna meta kont Sydney.
Darba, mort nara familja mix-Xewkija.K
Wara li ghaddejna sieghat nitkelmu u k
ilja,daret lejja u qaltli,'Tixtieq qabel
ki tghatina l-barka tieghek.........Dan k
ilja Maltija ghada thaddan u zzomm gh
IL-FIDI.



ATTIVITA ORGANIZZATA MIZ-ZGHAZAGH ----kienet iz-zjara taghhom li ghamlu fid-dar 'tal-Provvidenza f'Malta.Din id-dar illumthaddan fija, hafna nies,zghar u kbar li f'ghajnejna jidru li huma inqas ixxurtjati minna,handicapped people.Kullhadd,flimkien ma l' Arcipriet kellu xi haga x'jaghmel f'din id-dar;min jisboh,min inaddaf u min jikkmanda.Z-Zghazagh kolla li hadu sehem f'din l-attivitagarbu ferh kbir f'qalbhom jaraw li imlew qalb haddiehor.

# EMIGRANTI XEWKIN





minn Dun Guzepp Camilleri



*Grupp ta' emigranti li żaru x-Xewkija fl-1985*

tralja. Impressjonajt ruhi hafna bil-ko-
tar impressjonatni l-familja Maltija.

i, ftakart f'din l-esperjenza li ghaddejt

Konna ilna ma naraw lill-xulxin snin kbar.
kont lest biex nitlaq,l'Omm ta'din il-fam-
na titlaq nghidu r-Ruzarju flimkien u an-
tien ezempju l-iktar haj, ta' kemm il-fam-
al qalba dak li hadet maghha min Malta,



*Grupp ta' nies li morna nferrhu l-morda f'Lazzaret*

CENTRU PARROKJALI----kull gisem ghandu r-ruh.Ir-ruh tac-Centru taghna, huma l-hafna attivitajiet li jitwettqu fieh matul is-sena, dawn huma:Laghat ta'talb, li jsiru fill-prayer room taht forma ta'djalogu u talb anki personali. Get-Togethers, attivita popolari ferm u fl-istess hin toffri divertiment tajjeb u post fejn wiehed jista' jiltaqa ma' hbiebu jew jaghmel hbieb godda. Gimgha taz-Zghazagh. Gimgha ta'taghlim u informazzjoni.Din is-sena bhala guest speakers kelna, Fr. Louis Camilleri,Mr.Joseph Caruana,u lill-Fr. Emmanuel Curmi.

Camping----dan isir dejjem fl-istess post,ix-Xlendi, ftit passi il-boghod mill-bahar."Din is-sena" kif qalu hafna zghazagh,"Kelna hmistax il-gurnata ta'mistrieh, divertiment u anki ta'taghlim.

Il-Milied----bhal snin ta'qabel, lejlet il-Milied, wara l-purcissjoni tal-Bambin organizzata minn tal-Musew, saret varjeta ta'loghob, kant u kompetizzjonijiet bi premijiet sbieh.L-istess ghamilna f'lejlet l-ewwel tas-sena. Wara dan, saret quddiesa tal-Paci fil-knisja.

Gie organizzat wkoll, bhal kull sena, l-Pageant tad-Duluri. Skop ta' dan il-Pageant spettakulari huwa biex il-partecipanti kolla bl-attwazzjoni taghhom iwettqu dak li fir realta'wettaq Kristu ghalina.

Bhal ma qal l-Arcipriet fuq il-Gorgion ta'1979,ic-Centruhu hu l-Power Station tal-Parrocca"-----irid jilhaq lill-klassijiet kollha tal-parrocca: guvintur u tfajliet Irid jikkollabora mal-ghaqdiet li jezistu fil-parrocca. Irid jahseb ghal diversi ahbarijiet socjali, rikreativi u fuq kollox religjuzi.

L-iskop hu nobli
il-kamp hu wiesgha,
ix-xoghol immens
l-isfida hi qawwija
Dak li mehtieg hu:

HIDMA,U ENTUZJAZMU....bilghajnuna t'Alla kollox jitwettaq.
Ghezież Emigranti Xewkin,inkomplu nahdmu flimkien, l-iskop fill-hajja taghna huwa nobbli 'Li inkunu fejn inkunu, naqdu l'Alla f'xulxin,skop nobbli u kbir'.J'Alla ngharfu inwttquh b'entuzjazmu u qawwa kbira.Insellu galikom, filwaqt li nixtieilkom kull gid.



Subien ta`l-ewwel tqarbina.........

Attard Godfrey
Azzopardi Johnny
Camilleri David
Cauchi Mario
Debrincat Harry
Buttigieg Ivan
Formosa Mario
Magro Michael
Mifsud Ino
Pace Elvin
Pace Stephen
Spiteri Christopher
Vella Daniel
Xerri Jason
Xuereb Paul



Bniet................
Attard Joanne
Attard Monica
Azzopardi Stephanie
Bonnici Mariosa
Busuttil Nicolette
Buttigieg Anita
Buttigieg Margaret
Camilleri Joeline
Camilleri Marlene
Debrincat Monica
Farrugia Josianne
Grech Francienne
Muscat Jonice
Pace Angie
Rapa Maxene
Spiteri Silvana
Vella Sharon
Pace Julie
Xuereb Annette

# L-ewwel Tqarbina

Weghdiet li ghamel San Duminku Savio, meta ircieva l=ewwel l=ewwel tqarbinafis=sena 1849;kellhu sebgha snin.

1. Nersaq lejn is-Sagramenti tal-Qrar u tqarbin.
2. Inhares sewwa l-hdud u l-festi kmandati.
3. Il-hbieb tieghi jkunu, Gesu`u Maria.
4. Il=mewt, izda qatt id=dnub.

Fil 5 ta`Marzu 1857, Duminku Savio qal hekk " O Gesu u Maria, kunu intom il-hbieb ta`qalbi. . .il=mewt, izda qatt id=dnub.



# *RASS IN-NEWWILA*

*minn Joseph Xuereb*

Il-bajja ta' Mgarr-Ix-Xini, kelma li tfisser port tal-igfna,tinsab fix-xlokk ta' Ghawdex fejn ix-Xewkin jinzlu bi hgarhom fix-xhur shan tas-sajf.

F'din il-bajja pittoreska tinsab 'Ras In-Newwiela'. Dan l-isem jehodna lura sas-sena 1551, sena fatali ghall-Gzira ta' Ghawdex. F'Lulju ta' din is-sena, Sinam Baxa' deher bejn il-Fliegi b'140 xini Tork. Huwa nizzel in-nies tieghu fil-port tal-Mgarr, baqa' tiela ghar-Rabat,attakka l-Gran Kastell u fi zmien gimgha l-Ghawdxin kellhom icedu ghall-attakk feroci tal-ghadu u jifthu l-bibien tal-Kastell ghall-ghadu.

It-Torok karkru maghhom lejn il-jasar in-nies kollha ta' Ghawdex li dak iz-zmien kienet taghmel mas-sebat elef ruh Hallew biss fil-belt erbghin xih. Fost l-ilsiera kien hemm il-Gvernatur De Sesse'.

Sabiex jimbarkaw dawn l-ilsiera fuq ix-xwieni, it-Torok ghazlu l-post ta' Mgarr-Ix-Xini flok dak tal-Imgarr, ghax bezghu minn xi ghajnuna minn Malta li ttelfilhom il-pjan kollu taghhom. Huma dehrilhom illi l-Bajja ta'Mgarr-Ix-Xini kienet post aktar adattat, billi wkoll hija iktar imwarrba u inqas tagti fil-ghajn. Minn fuq dak il-blat, li min jaf kemm ra lfieq, biki u talb tal-imsejkna ilsiera, it-Torok bdew ighabbu fuq ix-xwieni taghhom lill-Ghawdxin mirbuhin.

It-Torok li kienu fuq ix-xwieni bdew ighajtu lil shabhom li kienu fuq il-blat zonqri biex inewlulhom xi lsir jew ilsira.F'dik il-gurnata kienet tinstema l-ghajta selvagga tal-Misilmin 'newwel, newwel'. It-tradizzjoni tghid li kull meta kien imiss li titnewwel mara, il-Misilmin kienu jghajtu 'newwel kelba', fil-waqt li meta kien imiss ragel, kienet tinstema' l-ghajta 'newwel kelb' Minhabba f'hekk dan il-blat storiku ta' Mgarr-ix-Xini gie mlaqqam 'Ras In-Newwiela'.

Kien sewwa sew minn dan il-post li l-ilsiera Ghawdxin tal-1551 taw l-ahhar harsa ta'qsim il-qalb lil art twelidhom qabel ma telqu ghal dejjem lejn art barranija, vittmi ta' zminijiethom u tad-destin.

Ghawdex safa' bla nies. It-triqat kienu jwahhxuk u l-Gzira kollha kienet tidher bhala belt tal-mejtin. Il-Gran Mastru beda jahseb kif jerga' jrawwam lil Ghawdex bin-nies.Wara li ha l-parir tal-Venerabbli Kunsill, huwa baghat Ghawdex kolonja ta' Maltin.

L-Isqof ta'dak iz-zmien,Mons.Cubelles ipprezenta dan il-kas quddiem il-Papa Gulju III u flimkien hadmu biex jigu mehlusa mill-jasar l-ilsiera Ghawdxin. Bosta minnhom regghu raw lil pajjizhom, ohrajn kellhom iqattghu hajjithom kollha fil-jasar u jmutu fil-jasar ukoll. Fi Tripli ghad fadal kwartier fejn ghad hemm ighixu d-dixxendenti ta' dawn l-Ghawdxin iddisgrazzjati. Dawn in-nies ghadhom isemmu l-istejjer li qalulhom missirijiethom dwar in-nisel tal-antenati taghhom. Huma jsemmu b'imhabba l-isem ta' Ghawdex, il-gzira hadra tmewweg bl-gholjiet,il-bahar kahlani taghha u r-raba' tajjeb u ghammieli.

---------------


*Għal kull tip ta' xogħol ta'*

**ALUMINIUM**

*xiri ta' vireg, ħġieġ u aċċessorji bi prezzijiet ferm moderati irrikorri għand*



GOZO ALUMINIUM

**GOZO ALUMINIUM LTD.**

Paul Portelli Street,
Victoria, Gozo Tel: 551166

U jekk trid tiffranka iżjed flus, staqsi għall-aperturi magħmulin KIT FORM li propju int stess tista' tammonta u twaħħal fil-post.

# Trans Cella Confectionery



61, Main Gate Street,
Victoria, Gozo
tel: 551277

specialized in nougat

# VENTURA GARAGE

## FOR BEST SERVICE

## TEL: 57331 8



## ĦALLEW DAN IL-WIED TAD-DMUGĦ

GUZEPPA AZZOPARDI,JOSEPH XIBERRAS,GUZEPPA DEBONO,LORETA BUGEJA,GIOVANNA GRIMA MARY SULTANA,JOHN ATTARD, CARMENA FARRUGIA, JOSEPHINE VELLA,MARGERITA FARRUGIA, CARMELA CASSAR,BENIGNO ATTARD,PUBLIUS BONNICI,TONY VASSALLO, GIUSEPPA VELLA, CARMELA BUTTIGIEG,GRAZIA PORTELLI,MARIA MERCIECA, MARIA ATTARD,CARMELO AZZOPARDI, MARIA HABER,JOHN XIBERRAS,ANNUNZIATA XUEREB,GRATIA AZZOPARDI,GUISEPPA VELLA,MA MADALENA AZZOPPARDI,JOSEPH ATTARD,MIKELINA XERRI, GIUSEPPA HABER,MARIA GIOVANNA AZZOPARDI,JOHN XERRI, EMMANWEL VELLA, ANGELA GALEA,ANTHONY CAMILLERI, MARIA CAUCHI, MASSAMINO VELLA, SALVU HABER, ROSE FARRUGIA, MARIA VELLA, SALVU HILI, CARMEL VELLA,TONI VELLA, JOHN VELLA,PAWLA PACE, JOSEPH DEBONO, VITTORIA VELLA,MARIA AZ-ZOPARDI,JOSEPH RAPA.

## SARU JIFFURMAW PARTI MILL-KNISJA TA' KRISTU

CHISTIANNE CASSAR,CHANTELLE CAMILLERI,JOHANN MERCIECA, JOHANN XERRI,CHRISTOPHER AZZOPARDI,WILLIAM CAMILLERI,ROSELIE SPITERI,DORRIANNE BUGEJA, GIOVANN AZZOPARDI, JEAN GATT, GENNARO XERRI, JONATHAN ATTARD,JANETH XUEREB, CHRISTIAN AZZOPARDI, JOANNA SALIBA, JEAN PAUL BAJADA, FRANKLIN VELLA,PAULINE AGIUS, MICHAEL PACE,RENO RAPA,CHARLON PACE,CHARLENE GRECH, DEREK AZZOPARDI,OMAR CAUCHI, PETER SPITERI, SARA HILI,GEMAINE MIFSUD,ENNIO FARRUGIA, JOSEPH XUEREB,JOATHAN APAP,JOSEPH CEFAI, LEE ANN GRECH,CHRISTIAN BAJAD, FRANKIE CAUCHI,MARIO BUTTIGIEG,DAVID PACE,JEAN VELLA,CHARMAINE XERRI,JOEMAR SPITERI,FRANCO PIO ZEREAFA,STEPHEN MAGRO,JULIAN MUSCAT CATHRYN XUEREB,VANESSA PACE,CARMEN AZZOPARDI, TREVOR SULTANA, AMANDA VELLA, ANDREW SAID, RODLEAN BORG,TEREZA MERCIECA,MAIREN ATTARD,ALISON XUEREB,ROSE ANN XUEREB U RITA AZZOPARDI. MARNETTE XERRI

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

FELIX CEFAI + MARY VELLA.
VINCENT ELLUL + MARY JANE CASSAR.
VINCENT BUHAGIAR + MARY VELLA.
SAVIOUR FENECH + MARY AZZOPARDI.
PAUL AZZOPARDI + CATHERINE VELLA.
GORGE NERCIECA + ANASTASIA ATTARD.
MARJANO XIBERRAS + JOSEPHINE BORG.
FRANCIS PACE + MARY CARMEN BORG.
JOHN SULTANA + JOSEPHINE VELLA.
JOSEPH VELLA + RITA SALIBA.
ALPHONSE CAMILLERI + GRACIE SULTANA.
SAVIOUR XIBERRAS + MARY SPITERI.
MARIO AQUILINA + MARY ANN GALEA.
FRANCIS DEBRINCAT + MARY SALIBA.
JOHN GALEA + SILVIA VELLA.
MICHAEL AZZOPARDI + GANE ZERAFA.
ANTHONY AZZOPARDI + ELIZABETH SPITERI .
ALESSIO CAMILLERI + XUEREB PAULINE.
FELIC TABONE + PAULINE CASSAR.
DR.ROBERT XUEREB + DRS. MARY ROSE XUEREB.


# JOSEPH MICALLEF

*– Candle Factory –*

32A, MAGRI STREET,
HAMRUN - MALTA

**Tel: 28325**

# TYPEWRITERS

# IMPERIAL – ROYAL – ADLER

Dawn l-ismijiet huma magħrufin mad-dinja kollha għall-prodotti ta' kwalità u resistenza mill-aqwa, bi prezzijiet mill-aktar attrajenti. Agħażel il-mudell addatat għalik mill-portable, għall-użu fid-dar, kif ukoll varjetà ta' mudelli akbar għall-użu fl-uffiċini. Staqsu wkoll għall-dettalji dwar l-Electronic Calculators ta' l-istess isem.

## ROYAL – IMPERIAL – ADLER

*Irrikorru għand l-Aġenti:* **Index Ltd.**

**31, Fredrick Street, Valletta. Tel: 625846, 607094**

**240, Republic Street, Valletta. Tel: 22060**

kif ukoll **TWINLOCK INTERNATIONAL**

**132, Archbishop Street, Valletta** (viċin il-Knisja tal-Griegi)



# Paramount ~garage

GENERAL HIRE SERVICE

MALTA'S LARGEST BUS HIRE FLEET

MOSTA TEL:41193 43296



# iċ-ċentru
## ħajja u ħidma



## Fior di Lillà
### Operetta stil Ġappuniż

**Fost l-attivitajiet l-ikar importanti fil-ħajja taċ-Ċentru hija bla dubju ta' xejn l-Operetta li ssir kull sena. Din is-sena ttellet l-Operetta "Fior di Lillà", Operetta fuq stil Ġappuniż li ntlaqet ferm tajjeb mill-Għawdxin meta ntweriet fl-1, fit-8 u fid-8 ta' Marzu ta' din is-sena. Il-Mistiedna speċjali kienu Vitorin Galea, Charles Thake u Charlie Zammit. Intwerit ukoll f'Malta, fl-Istitut Kattoliku l-Furjana fit-3 u fl-4 ta' Mejju.**

**Id-direzzjoni kienet ta' Mro. Gużeppi Farrugia, il-Koreografija tħalliet f'idejn Mrs Gina Portelli filwaqt li x-Xenografija kienet ta' Carmel Attard.**







# HARSA MADWARNA

## *Messaġġ mis-Segretarju tal-Banda 'IL-PREKURSUR'*

*"Festa kbira bħal din ftit rajna u nieħdu gost li din tkompli tikber".*

*L-eku tal-festa kbira li kellna s-sena l-oħra għadu jidwi fil-qlub ta' kull Xewki li kien preżenti biex jitpaxxa bl-armonija tal-marċi brijużi tal-baned għawdxin u l-briju flimkien ma' l-entużjażmu tal-banda mistiedna Maltija l-Banda "Beland taż-Żejtun".*

*Ħaġa unika li għada qatt ma saret fil-festi għawdxin, kienet l-isfilata ta' tlett baned li mmarċjaw mill-Każin tal-banda sal-pjazza. In-nies li nġabbru madwar din l-isfilata kienet meravilja.*

*Il-Każin tal-banda tagħna li huwa responsabbli mill-organiżazzjoni tal-festi ta' san Ġwann, jagħmel minn kollox biex din il-festa li tant hija popolari u mistennija mill-għawdxin tkompli tissebbaħ biex tagħti ġieh lill-kbir patrun tagħna San Ġwann Battista.*

*Din il-festa tkun mistennija mill-għawdxin kollha u bir-raġun għaliex tiftaħ l-istaġun tal-festi għawdxin. Dan l-aħħar snin anke ħutna maltin qiegħdin jitpaxxew bil-briju ta' din il-festa. Grazzi lill-kumpanija Gozo Channel li tagħmel trip extra nhar San Ġwann.*

*Nieħu din l-okkażjoni biex f'isem il-kumitat tal-Banda nawgura l-festa t-tajba lix-Xewkin kollha.*

***Carmel Attard***
***Segretarju Ġenerali***
***Banda "Il-Prekursur"***

## AZZJONI KATTOLIKA

Bhas-snin li ghaddew, l-Azzjoni Kattoilika, fethet is-sena socjali taghha 1985-86 fis-Santwarju ta'Pinu fid-9 t'Ottubru 85 immexxija mill-Isqof Cauchi.Il-motto ghal din is-sena,hu "KRISTU C-CENTRU TA'HAJJITNA".

Fuq bazi parrokjali imxejna hafna il-quddiem.Fejn sas-sena l-ohra kellna biss tlett Cirkoli li huma:tal-Istudenti, tax-Xebbiet u tan-nisa mizzewga; illum zidna tnejn ohra;Nisa mizzewga li qieghed isir fl-arja l-gdida fi triq il-Hamrija, l-iehor ta'l-irgiel fic-Centru Parrokjali. Dwar zieda fil-membrigodda in konsiderazzjoni ta'dawk li hallew, nistghu nghidu li ghandna iktar mis-snin ta'qabel.

HIDMA SOCJALI.

Dwar hidma socjali, l-Azzjoni Kattolika ghdha l-id-leminija tal-knisja. Dan narawh f'l-orattika fix-xoghol imwettaq:

1.Zjajjar lill-morda kemm fil-parocca, fi djar individwali wkoll fil-mental Hospital(Lazzarett) anki fl-Isptar Craig; kif wkoll fi djar residenti ghax-xjuh bhalma huma:St. Domnic, Trjonfi u anki dawk li hemm f'tal-Karmelitani.

2.Isir ukoll it-tqassim tar-rivista Knisja Missjunarja,gbir ghall-Missjoni li jinkludi wkoll it-tlett Opri Missjunarji Pontificji.L-Apostolat tat-talb, torganizza l-gurnata ddeikata lixjuh u lill-morda fil-gimgha tal-festa tar-rahal, kif ukoll it-tindif tal-knisja w ohrajn.x "J'Alla nkomplu nahdmu ghall-Idejal qaddis li toffrilna l-Azzjoni Kattolika, minghajr ma nibzghu mis-sagrificcju u minghajr ma naqtghu qalbna mid-diffikultajiet".(Diskors. ts'Mons. Isqof Cauchi fil-ftuh tal-Gimgha tal-Azzjoni Kattolika).

## LEĠJUN TA' MARIJA



MIN AHNA:

Fix-Xewkija ghandna zewg Praesdia tal-Irgiel:

1.'Marija Ghajnuna tal-Insara' li jiltaqa nhar ta'Tlieta fis-7.30 p.m. fic-Centru parrokjali.
2.'Madonna tal-Ekwilibriju'-jiltaqgha nhar t'Erbgha fis-6.30 p.m fil-Museum fi Triq Hamsin.

PRAESIDIUM TAZ-ZGHAZAGH- 'Marija Omm il-qalb ta'Gesu' li jigbor fih lil dawk li ghalqu it-tmintax il-sena.Dan jiltaqgha nhar ta'Sibt fis-6.30 p.m.fil-bidu ta'Triq San Bert.

Praesidium tal-Intermediates - 'Marija Omm il-Prekursur ta'Kristu.Dan hu ghas-subien ta' bejn l-erbghatax u t-tmintax il-sena. Dan il-Praesidium jiltaqa nhar t'Erbgha fis-7.00 p.m.

X'NAGHMLU.

Barra l-laqgha ta'kull gimgha, naghmlu xoghol ta'visti fid-djar,visti lill-morda f'djarghom kif wkoll visti fl'Isptar Craig u lill-morda tal-Isptar Mentali.

Ta kull gimgha nzuru clubs u hwienet fejn nirrecitaw ir-ruzarju Mqaddes.Niehdu hsieb wk-oll l'adorazzjoni ghall-irgiel wara l-quddiesa tad-9.00.a.m.

Darbtejn fis-sena, qabel San Gwann u qrib il-festa tal-Milied naghmlu nof ta nhar irtir ghall-irgiel tax-Xewkija.

Liz-Zaghzagh minpenjawhom biex jghinu lill-Arcipriet fit-tmexxija tac-Centru Parrokjali.

Fis-sajf niddevertu wkoll flimkien kif juri r-ritratt ta'wahda mill-barbeques li kelna.



## SKOLA PRIMARJA TAX-XEWKIJA

Bla ma kont nistenna sibt ruhi, kap ta'l-iskola Primarja tax-Xewkija.F'din l-iskola hawn hmistax, il-teacher, li huma: Joseph Galea (Head of School) J.Curmi,M.Bartolo, J.Refalo J.Bartolo, R.Said, V.Grech, Mgr.G.Tabone, S.Mercieca, u M.Farrugia.

It-tfal tal-Kindergarten huma f'idejn M.Bajada u F.Borg. Inkarigati mill-indafa ghandna lil L.Azzopardi, M.Greh u M.Hili.

Matul is-sena, it-tfal hadu sehem f'bosta attivitajiet kulturali,religjuzi, feilantropici u anki sportivi.

Attendenza tat-tfalf'din l-iskola hija ta'220 bniet u subien. Hawn ser insemmu xi attivitajiet li dawn it-tfal hadu sehem fijom.
1.Football (Subien)-Netball (Bniet) 2.Participazjoni shiha f'Jum l-Isports.3.Exhibition in Konnessjoni mal-Health Education Week.4.Mini-musical bil-play _Pietru u l-Lupu. 5.Zifna f' Jum il-Helsien.6.Zewg zifniet f'Jum il-Karnival.7.Zewg hargiet kulturali. 8.Offrew erbgha kax-xi ikel ghall-kampanja 'Ifrah u Ferrah' 9. Offrew l-ghajnuna lill-fizikament inkapacitati u lis-segretarjat Ghajnuna Socjali. 10. Kabbru numru ta'sigar li gew offruti lid-Departiment tal-Biedja.

L-Iskola tax-Xewkija, zgur tkun dejjem minn ta'l-ewwel ghaliex il-kooperazzjoni u l-esempju tajjeb huma garanzija ta'futur hieni msejjes fuq il-progress.

## *MUSEUM - FERGĦA SUBIEN*

IS-SAJDA MUSEUMINA:- Mid-9-22 ta'Settembru 1985, saret is-sajda Musewmina ghal-15 il-gur-nata.L-ewwel gimgha saret fil-ground tal-Musewm, fi triq Hamsin, waqt li ghat-tieni gimgha saret fil-pjazza ta'quddiem il-knisja. L-attendenza kienet numeruza.

DUTTRINA:-Inghataw regolarment lezzjonijiet tad-duttrina.It-tfal kienu mqassma f'zewg ka-tegoriji:L-attendenza tat-tfal u tal'l-istudenti kienet tajba hafna u l-kooperazzjoni tal-genituri kienet mill-ahjar.

QUDDIES U TALB: - Regolarment saru Quddies, Adorazzjoni, Ruzarju u talb iehor fil-kapella

PURCISSJONI TAL-BAMBIN:- Il-Purcissjoni tradizzjonali tal-Bambin saret fil-24 ta'Dicembru 1985.Il-purcissjoni ghaddiet mit-toroq principali tar-rahal.Hadet sehem il-Banda Prekursur u intemmet fil-knisja, fejn it-tfajjel Joseph Xerri, ghamel il-pridka tradizzjonali.

IL-PREMJAZZJONI TAL-MILIED:- Fit-23 ta'Dicembru, saret il-Premjazzjoni lit-tfal li jattendu l-ewwel shift, filwaqt li fid-29 ta'Dicembru saret lill-Istudenti minn Form 2 il-fuq. Il-Premjazzjoni li kienet tikkonsisti f'presepji, grotti, kwadri, statwi qamet il-fuq min £M100. Grazzi ghall-generozita ta'bosta benefatturi fosthom emigranti Xewkin li halsu l-ispejjez ghall din il-premjazzjoni.

## *MUSEUM - FERGĦA BNIET*

Il-fini principali li ghalija giet imwaqfa s-Socjieta Musewmina hija li titghallem u tghallem, tircievi il-Kelma u tghaddi l-Kelma.Bhas-snin l-imghoddija s-Socjeta barra t-taghlim, hadet hsieb torganizzaprogrammi li fihom hadu sehem it-tfal,bhal,plays fil-Milied,programm ta'San Guzepp u ohrajn.F'April,f'Jum il-Vokazzjonijiet, hadna t-tfal Malta, fejn iltaqghau ma tfal ohra f'St.Michael'sschool,il-Hamrun.Fl'okkazjoni tal-Mother's Day, laqqajna l-Ommijiet kol-la tat-tfal tad-duttrina fil-Musew,fejn it-tfal taghhom kantaw jew offrew xi regali lill-OmmijietSAJDA MUZEWMINA:
F'Lulju li gej,ser ikolna 'Sajda Muzewmina'.Nittamaw f'Alla li l-participazzjoni tan-nies tkun mill-ikbar u mill-isbah.Zgur li Dun Preca,mis-sema fejn jinsab ibierek il-hidma taghna.

*Ngħollu dejjem l-isem tagħna*

*IX-XEWKIN*

**Isem Sabiħ**


CISK
LAGER
CISK
LAGER
That something special
A quality beer from FARSONS



Il-Paviment tal-Irham

A&M PRINTING LTD. - 553217